MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2008

Numru 82/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Anthony Cassar)**

**vs**

**Antoine Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Antoine Sciberras, 28 sena, bin Walter u l-mejta Maria Dolores nee’ Barbara, imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Ottubru, 1979 u li joqghod fl-indirizz numru 46, Main Street, Zabbar detentur ta’ karta ta’ identita’ 489079M gie akkuzat talli f’ Haz-Zabbar, nhar it-Tlieta 29 ta’ Jannar, 2008 ghall-habta ta’ bejn it-tmienja u l-hdax u nofs ta’ fil-ghodu;

1. Ikkometta serq ta’ par car speakers tal-marka ***Pioneer*** mill-vettura tal-ghamla *Renault* bin-numru tar-

registrazzjoni FBB-578 ghad-dannu ta' Antoinette Scicluna minn Bormla, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-E232.94 (Lm100), kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, jew xjentement b' kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar,. Ghamel hsara hew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fl-imsemmija vettura, ghad-dannu tas-sid taghha, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-E1,164.69 (hames mitt lira Maltin), imma huwa aktar minn E116.47 (Lm50 lira Maltin);

4. U aktar akkuzat talli kkometta reat li ghalih hemm perjodu ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dottor Saviour Demicoli LL.D., nhar it-18 ta' Mejju, 2005);

5. U aktar akkuzat talli huwa sar ricediv *ai termini* tal-artikoli 49, 50, 8 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu IX tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi tal-Magistrati, li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol 6 tal-Process u nnutat li l-imputat m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien

sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li Dr Ian Farrugia ghall-imputat iddikjara fil-verbal tas-seduta tallum li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz tad-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278, 279(a), 280(2), 281(a), 334, 28A, 28B, 28C, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Antoine Sciberras, fuq ammissjoni hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, nkwantu ghall-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, it-tielet akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-imputat Antoine Sciberras ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u nkwantu ghar-raba' akkuza migjuba kontra l-istess imputat tordna li fil-konfront tal-imputat Antoine Sciberras tigi resa operattiva s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-18 ta' Mejju, 2005 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) vs Antoine Sciberras" (Dok AC5 minn fol. 20 sa fol. 22 tal-Process) u fejn l-imputat Antoine Sciberras, inter alia, gie kkundannat tmintax (18) –il xahar prigunerija sospizi ghall-erba' (4) snin, u b' hekk l-imputat Antoine Sciberras ghandu jaghmel b' kollox sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija.

Fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-seduta tallum minn Dr Ian Farrugia ghall-imputat li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz tad-droga, il-Qorti tissollecita lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jara li l-imputat Antoine Sciberras jinghata l-ghajnuna necessarja sabiex l-imsemmi imputat jeghleb il-problema serja ta' abbuz tad-droga li ghandu u ghaldaqstant tordna li id-Direttur tal-facilita Korrettiva ta' Kordin jkun notifikat b' kopja ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------